



Brussell, 26 ta' Lulju 2021
(OR. en)

10899/21

LIMITE

ECOFIN 749
UEM 219

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni ta' abbozzi ta' disinni għal naħa nazzjonali ġdida ta' muniti regolari ta' EUR 1 u EUR 2 ippreżentati minn Franza

1. Skont l-Artikolu 7(1) u l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 729/2014 tal-24 ta' Ġunju 2014 dwar denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni¹ (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament tal-Kunsill"), Franza ppreżentat, permezz tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, l-abbozzi ta' disinni għal:
 - naħa nazzjonali ġdida ta' muniti regolari ta' euro 1 u euro 2, maħsuba biex jinħarġu għall-ewwel darba fl-1 ta' Jannar 2022 (kif jinsab fid-dokument ST 10898/21).
2. F'konformità mal-Artikolu 10(4) tar-Regolament tal-Kunsill, kwalunkwe Stat Membru li l-munita tiegħu tkun l-euro jista', f'opinjoni motivata indirizzata lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, iqajjem oġġezzjoni għall-abbozz ta' disinn propost mill-Istat Membru emittenti jekk dak l-abbozz ta' disinn x'aktarx li jgħaliq reazzjonijiet negattivi fost iċ-ċittadini tiegħu. Skont l-Artikolu 10(5) tar-Regolament tal-Kunsill, fejn il-Kummissjoni tkun qieset li l-abbozz ta' disinn ma kienx jirrispetta r-rekwiżiti tekniċi stipulati mir-Regolament tal-Kunsill, hija kellha tippreżenta valutazzjoni negattiva lill-Kunsill.

¹ *ĠUL 194, 2.7.2014, p. 1.*

3. Ma tressqet l-ebda opinjoni motivata jew valutazzjoni negattiva lill-Kunsill sat-23 ta' Lulju 2021, li kien il-limitu ta' żmien stabbilit skont l-Artikolu 10(4) u (5) tar-Regolament tal-Kunsill.
4. Għaldaqstant, skont l-Artikolu 10(6) tar-Regolament tal-Kunsill, id-deċiżjoni li tapprova d-disinji msemija hawn fuq titqies li ġiet adottata mill-Kunsill fl-24 ta' Lulju 2021.²
5. Huwa mfakkar li, f'konformità mal-Artikolu 10(8) tar-Regolament tal-Kunsill, l-informazzjoni kollha rilevanti dwar disinji ġodda ta' muniti għaċ-ċirkolazzjoni nazzjonali għandha tiġi ppubblikata mill-Kummissjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill huma mistiedna jieħdu nota ta' din in-Nota ta' Informazzjoni bħala punt "I/A" fl-aġenda tal-laqgħat tagħhom li jmiss.

² Il-limitu ta' sebat ijiem u d-data tal-adozzjoni msemija fl-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 729/2014 huma ddeterminati skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971 li jistabbilixxi r-regoli applikabbli għal perijodi, dati u limiti ta' żmien (*ĠU L 124, 8.6.1971, p. 1*).